DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1096

tat-2 ta' Ġunju 2023

li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġbir u l-aġġornament regolari ta' *data* dwar aċċidenti relatati mal-użu tal-oġġetti pirotekniċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 43(b) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 43(b) tad-Direttiva 2013/29/UE, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-arranġamenti prattiċi għall-ġbir u l-aġġornament regolari ta' *data* dwar aċċidenti relatati mal-oġġetti pirotekniċi, sabiex, sa fejn ikun possibbli, tippermetti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-aċċidenti fl-Unjoni, abbażi ta' prinċipji komuni ta' rappurtar. Il-ġbir, l-aġġornament u l-iskambju regolari u affidabbli ta' tali *data* huma għalhekk għodda importanti sabiex tiġi definita stampa ċara dwar il-grad ta' implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva fir-rigward tal-użu legali u sikur tal-oġġetti pirotekniċi u għalhekk biex jiġi evalwat jekk ikunux meħtieġa miżuri ta' armonizzazzjoni addizzjonali.

(2) L-Istati Membri kollha diġà qablu li, fil-prinċipju, huwa utli u fattibbli li tinġabar id-*data* dwar l-aċċidenti relatati mal-użu tal-oġġetti pirotekniċi. Madankollu, il-ġbir ta' *data* relatata ma' oġġetti pirotekniċi ta' kategoriji li mhumiex F1 sa F4 joħloq piż amministrattiv mhux ġustifikat. Barra minn hekk, l-oġġetti pirotekniċi tal-kategorija P1 għall-vetturi, inklużi l-airbag u s-sistemi pretensjonaturi taċ-ċinturin tas-sikurezza, ġeneralment ma jippreżentawx riskju ta' użu ħażin jew aċċident peress li huma parti mill-apparat tas-sikurezza fil-vetturi. Meta jitqies li l-Istati Membri diġà rrappurtaw regolarment *data* dwar aċċidenti relatati mal-użu tal-logħob tan-nar lill-Kummissjoni fuq bażi volontarja, is-sistema volontarja eżistenti jenħtieġ li tintuża bħala bażi meta jiġu ddeterminati l-arranġamenti prattiċi għall-ġbir u l-aġġornament regolari mill-Istati Membri kollha ta' *data* dwar aċċidenti relatati mal-użu tal-logħob tan-nar.

(3) Sabiex jiġu żgurati r-rilevanza u l-komparabbiltà tad-*data*, id-*data* obbligatorja minima jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar l-għadd globali ta' aċċidenti b'korrimenti jew l-għadd globali ta' korrimenti relatati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi kif ukoll l-għadd ta' korrimenti li jirriżultaw mill-aċċidenti skont il-grupp ta' età u t-tip ta' korriment. Sabiex tinftiehem aħjar il-kawżalità u, sussegwentement, jiġu infurmati d-deċiżjonijiet ta' politika nazzjonali jew tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi pprovduta *data* addizzjonali jekk tkun disponibbli. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, meta l-ġbir tad-*data* meħtieġa ma jkunx possibbli, jenħtieġ li jiġi permess ir-rapportar tad-*data* estrapolata minn kampjuni rappreżentattivi.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Oġġetti Pirotekniċi,

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Data obbligatorja minima

1. Mill-1 ta' Jannar 2024, l-Istati Membri għandhom jiġbru, għal kull sena kalendarja, mill-inqas id-*data* li ġejja dwar aċċidenti li seħħew fit-territorju tagħhom, li kienu relatati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi tal-kategoriji F1 sa F4:

(a) l-għadd globali ta' aċċidenti b'korrimenti jew l-għadd globali ta' korrimenti relatati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi;

(b) l-għadd ta' korrimenti diviż bil-gruppi ta' età tal-vittmi li ġejjin:

(i) minn 0 sa 12-il sena;

(ii) minn 13 sa 18-il sena;

(iii) iktar minn 18-il sena;

(c) l-għadd ta' korrimenti skont it-tip fil-kategoriji li ġejjin:

(i) id jew sieq;

(ii) wiċċ jew ras;

(iii) għajnejn;

(iv) smigħ;

(v) oħrajn;

(d) l-għadd ta' korrimenti skont il-grad ta' severità fil-kategoriji li ġejjin:

(i) korrimenti li jeħtieġu rikoveru fl-isptar;

(ii) imwiet;

(iii) oħrajn.

2. Meta l-ġbir tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunx possibbli, l-Istati Membri jistgħu jiġbru d-*data* minn kampjun rappreżentattiv u jestrapolawha.

3. Meta l-ġbir ta' *data*, kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, ma jkunx possibbli f'sena partikolari, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* l-oħra kollha dwar l-aċċidenti relatati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi tal-kategoriji F1 sa F4 li tkun disponibbli għalihom.

Artikolu 2

Data addizzjonali

Flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* li ġejja, meta tkun disponibbli:

(a) it-tip ta' oġġetti pirotekniċi li jikkawżaw l-aċċident;

(b) l-informazzjoni dwar jekk l-aċċident kienx ikkawżat minn użu skorrett, l-użu ħażin, jew il-funzjonament ħażin tal-oġġett;

(c) l-informazzjoni dwar jekk l-oġġett tqegħidx fis-suq illegalment;

(d) kwalunkwe informazzjoni oħra li Stat Membru jqis importanti għall-analiżi tad-*data* dwar l-aċċidenti.

Artikolu 3

Trażmissjoni tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-data msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għal kull sena kalendarja lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ottubru tas-sena kalendarja sussegwenti.

2. Meta l-Istati Membri jittrażmettu d-*data* f'konformità l-Artikolu 1(2), huma għandhom jindikaw liema *data* ġiet estrapolata.

3. Meta l-Istati Membri jittrażmettu d-*data* f'konformità mal-Artikolu 1(3), huma għandhom jippreżentaw ġustifikazzjoni li tispjega għaliex la l-ġbir u lanqas l-estrapolazzjoni tad-*data* ma kienu possibbli f'dik is-sena.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bid-*data* msemmija fl-Artikoli 1(1), 1(2) u 2 bl-użu tal-format elettroniku li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni